6. Is-sitt motiv ibbażat fuq li r-regolament ikkontestat kien adottat bi ksur tal-prinċipju prekawzjonali u tal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni ta' proporzjonalità u ta' trattament ugwali.

(1) ĠU 2018, L 254, p. 1.
(2) Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009 L 309, p. 1).

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2018 – Marco Bronckers vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-746/18)

(2019/C 72/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Marco Bronckers (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Kreijger, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni (impliċita) tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2018 li tiċħad, skont ir-Regolament (KE) 1049/2001, [1] l-applikazzjoni għal konferma tar-rikorrent għal aċċess għal dokumenti relatati mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku fuq ir-rikonoxximent komuni u l-protezzjoni tad-deskrizzjoni ta' spirti alkoħoliċi; [2]

— tordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv uniku, li jallega li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 billi naqset milli tadotta deċiżjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit.

(1) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 21, p. 106.

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2018 – Refan Bulgaria vs EUIPO (Forma ta' fjura)

## (Kawża T-747/18)

(2019/C 72/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Refan Bulgaria OOD (Trud, il-Bulgarija) (rappreżentant: A. Ivanova, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea (Forma ta' fjura) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 544 025